MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Numru. 935/2006

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**KEVIN GATT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kevin Gatt ta’ 31 sena, bin Anthony u Carmela nee’ Schembri, mwieled Pieta’ nhar it- 30 ta’ Jannar 1980, residenti Flt 4, Redeemer Flats, Triq il- Barklor, Hal-Ghaxaq u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 139980M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar it- 2 ta' Settembru 2006, ghal habta tal- 11.30pm, filwaqt li kien fi Triq Santa Maria, gewwa Hal- Tarxien, minghajr il- hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' kuntistabbli tal- Pulizija 1134 Ramon Abela fil-periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi, kif certifikat minn Dr. Daryl Xuereb MD (Warrant Mediku Nru. 2969) tat- Taqsima tal- Emergenza tal- Isptar San Luqa, liema ferita ggiblu mankament jew sfreggju fil- pala tal- id ix-xellugija bi ksur tal- Artikoli 216 (1) (a) u (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq Santa Maria, gewwa Hal-Tarxien, bi vjolenza u b' theddid gieghel lis- Surgent tal-Pulizija 285 Geoffrey Cutajar u l- kuntistabbli tal- Pulizija 1134 Ramon Abela bhala ufficjali Pubblici li jaghmlu jew jma jaghmlux xi haga li ghandha x' taqsam mall- kariga taghhom u dana bi ksur tal- Artikolu 91 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq Santa Maria, gewwa Hal-Tarxien, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuna tal- kuntistabbli tal- Pulizija 1134 Ramon Abela, bhala persuna inkarigata skont il- Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi fl- ezekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni mghoti skont il- Ligi mill- Awtorita' kompetenti u dana bi ksur tal- Artikolu 96 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

4) Akkuzat ukoll talli, fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq Santa Maria, gewwa Hal-Tarxien, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal- istess kuntistabbli tal- Pulizija 1134 Ramon Abela u s- Surgent tal- Pulizija 285 Geoffrey Cutajar,

bhala persuna ta’ wiehed inkarigat skont il- Ligi minn servizz Pubbilku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is- servizz jew bil- hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl- ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dana bi ksur tal- Artikolu 95 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l- ordnijiet Legittimi tal- awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz Pubbliku, jew ma halliehx jew fixkel waqt li l- Pulizija kienu qed jaghmlu d- dmirijiet taghhom u dana bi ksur tal- Artikolu 338 (ee) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

6) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkawza hsara volontarja, cioe’ billi qatta’ l-uniformi tal- kuntistabbli tal- Pulizija 1134 Ramon Abela, liema hsara teccedi l- Lm 10 izda mhux izjed minn Lm 50, ghad- dannu tal- Gvern ta’ Malta u dana bi ksur tal-Artikolu 325 (c) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

7) Akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, stieden ghall- glied lill- kuntistabbli tal- Pulizija 1134 Ramon Abela u s- Surgent tal- Pulizija 285 Geoffrey Cutajar;

8) Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl- istess cirkustanzi, fl- inhawi ta’ Hal- Tarxien, volontarjament kiser il- Bon Ordni u l- Paci Pubblika b’ ghajjat u glied u dana bi ksur tal- Artikolu 338 (dd) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

9) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, fi Triq Santa Maria gewwa Hal- Tarxien, qal kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur tal- Artikolu 338 (bb) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

10) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, fi Triq Santa Maria gewwa Hal- Tarxien, u fi bnadi ohra tal- Gzejjer Maltin, f’ lok pubbliku jew miftuh ghall- pubbliku , kien jinsab fis- sakra, b’ mod li ma jkunx jista’ jiehu hsieb tieghu nnifsu u dana bi ksur tal- Artikolu 338 (ff) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

11) Ukoll talli sar recidiv , b’ diversi sentenzi li gew mghotija mill- Qrati ta’ Malta, liema sentenzi, saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt;

12) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi kkawza feriti ta’ natura hafifa lil Martin Agius minn Hal-Tarxien;

13) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Martin Agius minn Hal- Tarxien;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mil-provi prodotti rrisulta li fid-data u l-hin indikati, l-imputat kien qieghed ma’ xi persuni ohra hbieb tieghu, u dawn kellhom argument bejniethom tant li ssejhu l-Pulizija sabiex iwaqqfuhom. Meta gew l-Ufficjali, l-imputat gab ruhu hazin maghhom, u apparti li qal kliem mhux xieraq fil-konfront taghhom, hu aggredixxa lil PC 1134 Ramon Abela u kkagunalu griehi. Kien ghalhekk li saret din il-kawza u nhargu dawn l-imputazzjonijiet.

Il-Qorti esaminat il-provi kollha u rat li whud biss mil-imputazzjonijiet jistghu jirrisultaw, u dan ghaliex l-incident fih innifsu ma kienx wiehed ta’ portata konsiderevoli, kif it-tahrika tindika. Di fatti, fil-fehma tal-Qorti, qed jirrisultaw ippruvati l-ewwel, ir-raba’ il-hames, is-sitt u s-seba’ imputazzjoni. L-ohrajn ma jirrisultawx u l-imputat qed jigi lliberat minnhom. Dan l-incident kien biss kaz ta’ storbju maghmul mill-imputat u shabu li, meta gew fl-idejn bic-cajt, ma baqghux jiccajtaw izda bdew ikunu aggressivi lejn xulxin, sforz ta’ konsum ta’ alkohol fi kwantita’ mhux

maghrufa. Meta waslu l-Pulizija fuq il-post din l-aggressjoni ma baqghetx iddur fuqhom infushom izda daret ghal fuq il-Pulizija, bil-konsegwenza li l-kuntistabbli Abela sofra griehi gravi billi kellu frattura f'idu.Apparti hekk, il-kumplament tal-incident wassal biss ghal diversi reati kontravenzjonali ta' portata minima.

Il-Qorti inoltre tosserva li f'perijodu ta' kwazi hames snin, daqs kemm damet din il-kawza, inzammu xejn anqas minn hamsa w tletin (35) seduta, b'hafna hin mitluf minhabba fir-rikors kostituzzjonali li kien intavola l-imputat b'success, u minhabba fid-dewmien esagerat biex l-imputat jinstab u jattendi ghas-seduti, u biex itella' l-provi tieghu, haga li baqa' m'ghamelx sakemm inghatat is-sentenza. Madankollu, kif gia' qalet il-Qorti, dan l-incident gie mizjud aktar mil-proporzjon li kien jimmerita, u llum l-imputat jidher li ghaddej minn kura ghal kundizzjoni li qed ibati minnha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 214, 216(1)(a) u (b), 91, 96, 95, 338(ee), 325(c) u (d), 339(1)(b), 338(dd), (bb), u (ff), 221 u 339(1)(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati tal- ewwel (1), ir-raba' (4), il- hames (5), is- sitt (6) u s- seba' (7) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Ma ssibx lill- imputat hati tat- tieni (2), it- tielet (3), it- tmien (8), id- disa' (9), l- ghaxar (10), il- hdax (11), it- tnax (12) u t- tlettax (13) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------